MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 168/1995/1

**Dottor Pierre Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Middle Sea Insurance Company Limited u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Frank Fenech**

**Vs**

**Randolph Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fit-12 ta' Settembru 1993 ghall-habta ta' 12:20 p.m. f'Naxxar Road, Balzan, filwaqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru V-3428 fid-direzzjoni ta' Birkirkara,

habat mal-vettura numru V-4906 misjuqa minn Anthony Gusman u proprjeta` ta' l-assigurat *nomine*, Frank Fenech, liema incident awtomobilistiku gara b'tort uniku tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

Premess illi s-socjeta` attrici hallset lill-assigurat taghha Frank Fenech is-somma ta' erba' mija u tmien liri u hamsin centezmu (Lm408.50) kif kienet obbligata taht polza ta' assikurazzjoni "comprehensive" u giet surrogata fid-drittijiet tieghu, kopja ta' liema surroga qed tigi annessa u markata Dok. "A";

Premess illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex ihallas dawn id-danni, baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta` attrici;

2. Tillikwida l-istess danni fis-somma ta' erba' mija u tmien liri u hamsin centezmu (Lm408.50) jew somma ohra verjuri;

3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta' erba' mija u tmien liri u hamsin centezmu (Lm408.50) in linea ta' danni jew ammont verjuri hekk likwidat;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali minn notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi d-domandi attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih stante li ghall-incident in kwistjoni l-konvenut Randolph Xuereb ma kellu ebda htija;

2. Illi dwar dan l-incident gja kien hemm ghaddejja kawza quddiem din il-Qorti diversament preseduta Citazzjoni numru 1209/95 FDP fl-ismijiet “Francis P Ebejer *nomine* vs Anthony Gusman” liema kawza tinsab differita ghas-seduta ta' l-14 ta' Gunju 1996 u ghalhekk ikun utli li din il-kawza tistenna l-ezitu tal-kawza l-ohra;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-verbal tat-8 ta' Novembru 1996 li permezz tieghu d-difensuri tal-partijiet, wara li rrilevaw li dwar l-istess incident kien hemm kawza ohra l-imsemmija citazzjoni numru 1209/95, qablu li l-kawzi jimxu flimkien u l-provi li jingabru f'kawza jkunu applikabbli u jaghmlu stat fl-ohra;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza u anki ta' l-imsemmija citazzjoni numru 1209/95;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi din il-kawza tirriferi ghall-istess incident awtomobilistiku li huwa meritu tal-kawza Francis P. Ebejer *nomine* vs Anthony Gusman bin-numru 1209/95 u li qeghda tigi wkoll deciza llum;

Illi dawn il-kawzi jirrigwardaw incident awtomobilistiku li gara gewwa Hal Lija hekk kif thalli c-Cimiterju ta' Hal Lija fid-direzzjoni ta' Birkirkara u proprju biswit ix-showroom ta' Hal Mann; Gusman jghid li huwa kien gej mid-direzzjoni tal-Mosta u kien waqaf peress li kien qieghed jistenna li jkollu l-opportunita` mit-traffiku biex ikun jista' jikser fuq il-lemin tieghu ghal go Triq Sir Ugo Mifsud jew kif inhi maghrufa wkoll ghal Hdejn il-Palazz l-Ahmar;

Illi waqt li huwa kien ser jibda jew beda dina il-manuvra, Xuereb kien qieghed isegwi lilu u karozza ohra wara Gusman u meta ra li dawn kienu mixjin bil-mod huwa ddecieda illi kellu opportunita` bizzejjed biex ikun jista' jissuperahom it-tnejn flimkien; gara illi wara li qabez l-ewwel wahda u cioe` dik ta' wara Gusman huwa baqa' diehel fil-vettura ta' Gusman li, ghalkemm huwa jghid li kien wieqaf, il-Qorti tifhem li kien beda il-manuvra tieghu biex jikser fuq il-lemin u jidhol gewwa Hal Lija;

Illi dwar ir-responsabilita` tal-partijiet ghal dan l-incident il-Qorti taghmel ampja referenza ghall-process, rapport peritali, u sentenza fil-kawza l-ohra 1209/95 li qeghda tigi deciza wkoll illum; il-Qorti fil-kawza l-ohra sabet il-htija esklusiva ta' l-incident kienet proprju ta' Randolph Xuereb illi ma qaghadx attent u ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega fil-manuvrra ta' sorpass illi huwa ddecieda li jaghmel;

Illi fic-citazzjoni tieghu l-attur *nomine* indika l-ispejjez tieghu li qieghed jippretendi minghand il-konvenut fis-somma ta' Lm408.50 liema ammont ta' danni gie ukoll ikkonfermat fid-dikjarazzjoni akkompanjanti c-citazzjoni u tirrizulta wkoll fis-subrogation form esebita flimkien mac-citazzjoni; ma jidhirx li dan l-ammont gie b'xi mod kontestat u anki meta wiehed jikkonsidra d-danni sofferti fil-karozza ta' Xuereb skond ma jidher fid-diversi ricevuti esebiti, l-ammont mitlub mill-attur odjern jidher gustifikat.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni grat unikament tort ta' Randolph Xuereb li ghandu jkun responsabbli ghad-danni konsegwenzjali;

Tilqa' it-Tieni Domanda kif dedotta fic-citazzjoni;

Tilqa' wkoll it-Tielet Domanda u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* is-somma ta' erba' mija u tmien liri Maltin u hamsin centezmu (Lm408.50) oltre l-imghax li ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika lill-konvenut bl-atti ta' din il-kawza.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur